# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 58/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 19 ta' April, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:05hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier John Luke Cassar u tal-Kunsillier Cody Galea li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet personali u raġunijiet ta' xogħol rispettivament, liema raġunijiet kienu aċċetati mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 57

58.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 57 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 58.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

58.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Numru 7/2023 mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar Fondi Ewropej: Linji gwida lill-Kunsilli Reġjonali u Lokali dwar talbiet għall-assistenza li jikkonċernaw proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea u fondi Internazzjonali oħra.

58.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Numru 8/2023 mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Ristrutturar u re-branding tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

58.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Numru 9/2023 mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Każijiet tal-Ombudsman u ħatra ta' *Focal Persons*.

58.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bis-suġġett 'European Bench for Local Councils'.

58.3.4.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li l-Assoċjazzjoni ġiet avviċinata mill-Kummissjoni Ewropea f'Malta biex il-Kunsilli Lokali jissieħbu fi proġett fejn il-lokalitajiet ikollhom bank f'post pubbliku u dan jiġi mpinġi b'tema u b'kuluri tal-bandiera Ewropea.

58.3.4.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien wera l-interess biex ikun jista' jingħata aktar dettalji biex ikun jista' jitkellem mal-Artist Lokali Clint Grech li jgħin ħafna lill-Kunsill fil-qasam ta' arti u kultura.

58.3.4.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill jingħata aktar informazzjoni biex ikunu jistgħu jiddiskutu aħjar x'jista' jsir.

58.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand l-Għaqda Mużikali San Leonardu rigward talba għal-*No Objection* biex isir 'The 80s & 90s Music Festival – 2023 – The 6th Edition' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju, 2023.

58.3.5.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu unanimament li jagħtu n-No Objection tal-Kunsill biex isir 'The 80s & 90s Music Festival – 2023 – The 6th Edition' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju, 2023, fi Triq San Benedittu, Ħal Kirkop.

58.3.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew ukoll it-talba għat-tindif tat-triq l-għada tal-attività. Minħabba li l-Kunsill għaddej bil-ħruġ ta' tender ġdida fir-rigward tal-knis, il-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba u ġie deċiż li jinforma lill-Għaqda biex titlob l-għajnuna tal-*Cleansing & Maintenance Department*, biex jipprovdulhom il-bins, tindif u ħasil waqt u wara l-attività.

58.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li x-xogħol fuq l-applikazzjoni għall-permess għall-*Embellishment* tal-*Observation Area* fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop kien għaddej u l-Perit kien qed jiddiskutu ma' rappreżentanti tal-Malta International Airport dwar talbiet li saru mill-Awtorità tal-Ippjanar.

58.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Għaqda Mużikali San Leonardu biex jitneħħa l-arblu tad-dawl li hemm biswit il-propjetà tagħhom f'Misraħ iż-Żerniq, liema propjetà ser tkun qed tiġi żviluppata permezz tal-permess ta' żvilupp nru. PA/08307/21.

58.3.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li għandna nitolbu informazzjoni dwar jekk dan l-arblu hux ser jitneħħa permanenti.

58.3.7.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiksutew din il-materja u qablu li għandna ninfurmaw lill-Għaqda li biex dan jitneħħa iridu jitħallsu l-ispejjeż għall-qlugħ ta' dan l-arblu u jekk mhux qlugħ permanenti biex dan jerġa' jeħel.

58.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand ir-Reġjun Punent fejn intalab jagħti *areas* speċifiċi fejn ir-residenti mhux qed isegwu l-iskeda tal-ġbir ta' skart kif suppost.

58.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lir-Reġjun Punent li hemm problemi fi Triq Valletta k/m Triq San Pietru, Triq Valletta k/m Triq ir-Ramlija, Triq San Remiġ, Triq Danny Cremona u Triq San Nikola.

58.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva stima mill-MSD għal xogħol fis-sistema tad-dawl tal-ġnien fi Pjazza Żerniq.

58.3.9.1 Is-Sindku spjega li din l-istima hija prezz raġonevoli ħafna meta mqabbel mal-prezzijiet fis-suq u għaldaqstant kien hemm qbil li din tiġi approvata u mħallsa biex ikun jista' jibda x-xogħol kemm jista' jkun malajr, biex il-latrina tkun tista' terġa' tinfetaħ mill-aktar fis possibbli.

58.3.9.2 Fir-rigward ta' Pjazza Żerniq ukoll, is-Sindku Terence Agius spejga li huwa kien qed jiddiskuti mal-Inġinier kif l-aħjar tiġi s-sistema kollha tad-dawl biex jiġu evitati l-problemi li kien hemm sa issa u dan ix-xogħol isir sew darba għal dejjem.

58.3.9.3 Is-Sindku Terence Agius qal li kien hemm ukoll diversi talbiet biex jiżdied il-*playing equipment* f'dan il-ġnien. Il-Kunsilliera ddiskutew dawn it-talbiet u qablu li jekk ikun hemm fondi biżżejjed jaraw jekk tistax tiġi emendata parti mill-ġnien biex tilqa' fiha aktar *playing equipment* għat-tfal.

58.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp rigward talba biex tiġi ffirmata dikjarazzjoni li waqt l-iżvilupp tal-maħżen tagħhom, kopert bil-permess PA/07178/17, ma kinitx saret ħsara lill-Bandli tal-Komunità.

58.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ma kinetx saret ħsara minħabba dan l-iżvilupp u għaldaqstant is-Sindku Terence Agius iffirma din id-dikjarazzjoni.

58.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif maqbul fil-laqgħa nru. 57, il-Kunsill kien ħareġ is-Sejħa għall-Vakanza għall-Skrivan/a *Full-Time* fi Skala 15. Din is-sejħa ħarġet internament u d-data tal-għeluq hija nhar l-Erbgħa, 3 ta' Mejju, 2023.

58.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mal-Viċi Sindku Joseph Schembri u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Kumitat u l-Membri tal-Kirkop United FC rigward it-*tournament* tal-football li ser isir ġewwa Rousset f'Awwissu li ġej.

58.3.12.1 Is-Sindku Terence Agius qal li wara d-diskussjoni kien hemm qbil li jsiru l-arranġamenti biex il-grupp kollu jitlaq minn Malta l-Ħamis, 24 ta' Awwissu, 2023 u jirritorna lura l-Ħadd, 27 ta' Awwissu, 2023.

58.3.12.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan u kien hemm qbil li jinqatgħu l-*flights* għal dawn il-ġranet.

58.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa ta' konsultazzjoni ma' rappreżentanti ta' Transport Malta dwar SUMP – *Sustainable Urban Mobility Plans*.

58.3.13.1 Is-Sindku Terence Agius qal li Transport Malta flimkien ma' kuntrattur imqabbad minnhom kienu qed jaħdmu fuq pjan holisitku dwar *Sustainable Urban Mobility.*

58.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien qed jiddiskuti mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex ikollu impjegata issekondata mal-Kunsill, 20 siegħa fil-ġimgħa u l-Kunsill iħallas għall-paga tagħha.

58.3.14.1 Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill jikkonferma li għandu fondi biex titħallas il-paga ta' din l-impjegata.

58.3.14.2 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jikkonferma li lest li jħallas għall-paga tal-impjegata issekondata mal-Kunsill mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

58.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar Jum Ħal Kirkop 2023 li kull sena jiġi ċċelebrat fid-29 ta' Mejju, 2023. Is-Sindku qal li tajjeb li l-Kunsill jorganizza quddiesa u attività żgħira fejn jingħata Ġieħ Ħal Kirkop 2023. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser ikunu qed jaħdmu fuq din l-attività. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

58.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kwotazzjoni tal-knis kienet ser tagħlaq fl-aħħar ta' April 2023. Is-sejħa għall-offerti għall-Knis ta' Toroq kienet ser tiġi ppublikata fit-28 ta' April, 2023 u għaldaqstant kien fadal żmien sakemm din tagħlaq u ssir l-aġġudikazzjoni.

58.3.16.1 Is-Sindku kompla jgħid li minħabba din ir-raġuni l-Kunsill għandu bżonn li jġedded il-kwotazzjoni sakemm it-tender tiġi ffinalizzata u aġġudikata, biex ix-xogħol tal-knis jibqa' għaddej.

58.3.16.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li l-kwotazzjoni tal-knis ta' toroq tiġġedded għal tlett xhur jiġifieri minn 1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju, 2023.

58.3.16.3 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-kwotazzjoni tal-knis tat-toroq tiġġedded għal tlett xhur minn 1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju, 2023, bl-istess kundizzjonijiet, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 58.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

58.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza Ġurnata għal Sqallija.

58.4.1.1 Il-Kunsilliera preżenti qablu li tkun ideja tajba u għaldaqstant ser jaħdmu fuq data biex jinħareġ avviż għal dawk interessati. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

58.4.2 Il-Kunsillier Ritienne Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju. Hija qalet li kien ser ikollha titlaq kmieni mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.

58.4.3 Għaldaqstant, minħabba li l-laqgħa kienet ser tiġi mingħajr *quorum*, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġu diskussi *items* 58.6, 58.7, 58.8 u 58.12 qabel *item* 58.5, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 58.6 Approvazzjoni – *Increment* ta' Impjegat tal-Kunsill

58.6.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wieħed mill-ħaddiema kien imissu jieħu l-*increment* li jingħata kull sena b'effett mill-1 ta' April, 2023.

58.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li la ma kienx hemm problemi fil-*performance* tal-impjegat, dan l-*increment* għandu jingħata.

58.6.3 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex l-impjegat tal-Kunsill jingħata l-*increment* għal *notch 7*, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 58.7 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2023

58.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li l-kotba finanzjarji tas-sena 2022 ma kienux għadhom ġew awditjati, l-*Accountant* tal-Kunsill kienet infurmata li l-iStqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2023 ma kienux għadhom iffinalizzati.

58.7.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex ittella' l-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Ewwel Kwart tas-sena 2023 għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 58.8 Pjan ta' Toroq minn Infrastracture Malta

58.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew għal-laqgħa ma' rappreżentanti ta' Infrastracture Malta rigward il-pjan ta' toroq li ser isiru f'Hal Kirkop.

58.8.2 Is-Sindku spjega li l-pjan ta' Infrastracture Malta huwa li fit-tieni kwart tas-sena 2023 Q2 issir Triq il-Kbira, fit-tielet kwart Q3 issir Triq San Pietru u fir-raba' kwart Q4 issir Triq l-Industrija u parti minn Triq San Nikola ('il parti qabel toħroġ għal Triq l-Industrija).

58.8.3 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li Infrastracture Malta qed tippjana fi Triq Nerik Xerri li kienet ppjanata li ssir f'Ġunju li għadda tinbeda wkoll fit-tielet kwart Q3-2023.

58.8.4 Is-Sindku kompla jgħid li minn naħa tagħhom Infrastracture Malta ser iħallsu wkoll tal-bankini, dejjem jekk ikunu magħmula minn konkos normali, *stencil imprint* jew *exposed*. Il-Kunsill irid jiddeċiedi kif irid li jsiru l-bankini u jekk il-Kunsill ikun irid juża materjal ieħor irid iħallas għalih *extra*.

58.8.5 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li l-bankini fi Triq il-Kbira għandhom isiru *stencil imprint* ħomor, fi Triq San Pietru għandhom isiru konkos normali u fi Triq l-Industrija u parti minn Triq San Nikola għandhom isiru konkos normali.

## 58.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

58.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 137 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

58.12.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 137 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 58.5 Rapport tal-Ilmenti

58.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward tneħħija ta' *parking bays* fi Triq San Rokku, minħabba garaxx li ser jintuża biex jiddaħħlu sitt karozzi u li minħabba l-parkeġġ ta' faċċata dawn ma jistgħux jidħlu.

58.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jsiru id-*double yellow lines* faċċata ta' dan il-garaxx.

58.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba mingħand resident biex isiru tabelli biex ma jipparkjawx kontejners fi Triq il-Madonna tad-Dawl, int u dieħel.

58.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jsiru dawn it-tabelli.

58.5.3 Il-Kunsillier Ritienne Caruana talbet biex tiġi skużata mill-laqgħa minħabba impenji oħra li kellha. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-18:45hrs.

58.5.4 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius talab biex jaġġorna l-laqgħa minħabba li ma kienx hemm *quorum*.

58.5.5 F'dan l-istadju is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-kumplament tal-ilmenti u kif ukoll *items* 58.9, 58.10 u 58.11 jitilgħu għad-diskussjoni fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 58.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

58.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

58.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023 fl-16:30hrs.

58.13.3 Il-laqgħa ntemmet fis-18:50hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 19 ta' Ġunju, 2023

**Mozzjoni Ref:** 302/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 57.

| | |
|---|---|
| **Proponent**<br>Joseph Schembri | **Sekondant**<br>Ritienne Caruana |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' April, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 303/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-Kunsill jikkonferma li lest li jħallas għall-paga tal-impjegata issekondata mal-Kunsill mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' April, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 304/23/9

**Mozzjoni:**

Biex il-kwotazzjoni tal-Knis tat-Toroq tiġġedded għal tlett xhur minn 1 ta' Mejju sal-31 ta' Lulju, 2023, bl-istess kundizzjonijiet.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Terence Agius |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' April, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 305/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu diskussi *items* 58.6, 58.7, 58.8 u 58.12 qabel *item* 58.5.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' April, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 306/23/9

**Mozzjoni:**

Biex l-impjegat tal-Kunsill jingħata l-*increment* għal *notch 7*.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Terence Agius |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' April, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 307/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 137.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Ritienne Caruana

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' April, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**